# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.lc.gov.mt


**20/19**

**L-għoxrin (20) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv b'urġenza, nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar, 2014 fil-6.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ranier Busuttil | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti:** | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

1 Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija.

***2. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv***

2.1 Is-Sindku qara u poġġa fuq il-mejda tal-laqgħa, ir-rapport li ġie imħejji mil-Kumitat tal-Għażla wara żewġ laqgħat li saru nhar l-20 ta' Diċembru u fis-7 ta' Jannar 2014.

Is-Sur Horace J. Anastasi irrimarka li hu ma qabilx ma' kif sar il-*weighting* tal-marki f'dak li jirrigwarda liġi. Is-Sindku spjega li l-intervista per se kellha weighting ta' 60% u li kien altru minn biżżejjed.

Ir-rapport qiegħed ikun mehmuż ukoll ma' dawn il-minuti.

2.2 Ir-rapport jispjega li minn tlettax –il applikazzjoni li daħlu kien hemm ħamsa minnhom li ma kienux eliġibbli għaliex mhux parti mill-pool tas-Segretarji u applikazzjoni waħda mhux eliġibbli għax kienet daħlet tard.

Nhar is-7 ta' Jannar 2014 saru l-intervisti mas-seba' applikanti eliġibbli li kien baqa' fejn tnejn minnhom ma attendewx u għalhekk ġew kunsidrati bħala assenti.

Il-ħames applikanti l-oħra attendew l-intervista u ġew ikklassifikati b'dan il-mod:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Michael Mifsud | ID 322676M | 81 marka |
| 2. | Valerie Edwards | ID 410180M | 67 marka |
| 3. | Joan Mangion | ID 64669M | 62 marka |
| 4. | Christopher L. Francalanza | ID 126092M | 58 marka |
| 5. | Abraham J. Cassar | ID 412300L | 50 marka |

*Is-Sur Darren Carabott ġie skużat mill-laqgħa fis-6.53pm.*

Wara li ġie evalwat ir-rapport tal-Kumitat tal-Għażla, il-Kunsill laqgħa ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat li jintgħażel is-Sur Michael Mifsud bħala s-Segretarju Eżekuttiv prospettiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Din ir-rakkomandazzjoni ġiet aċċettata b'vot unanimu minn dawk preżenti

Il-laqgħa intemmet fis-7pm.

Stephen Sultana
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum, 20/01/2014